DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 139/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistipula metodi ta' kampjunament u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' dijossina u ta' PCB li jixbhu lid-dijossina f'ċerti prodotti ta' l-ikel ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1883/2006 jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE ([3]), li tinsab inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar taħt dan il-Ftehim.

(4) Din id-deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzzm (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/677/KE):

"54zzzn. **32006 R 1883**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistipula metodi ta' kampjunament u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' dijossina u ta' PCB li jixbhu lid-dijossina f'ċerti prodotti ta' l-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 32)."

2) It-test tal-punt 54zzc (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE) għandu jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1883/2006 bl-Iżlandiż u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ZEE (*).

([1]) ĠU L 47, 21.2.2008, p. 21.
([2]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 32.
([3]) ĠU L 209, 6.8.2002, p. 5.
(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON